**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 16 – IT-TNEJN, 2 TA' DIĊEMBRU 2013 FIS-5.50PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku (6.00pm) |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 15**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 6.2 għandha tinbidel "Triq W Savona" ma' "Triq Savona Ventura".

1.2 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-6.00pm.

**2 Pagamenti Numru 14**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Performance Bonus – Segretarju Eżekuttiv u Staff tal-Kunsill.**

3.1 Saret diskussjoni fuq il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv u l-iStaff tal-Kunsill matul is-sena 2013. Kien hemm qbil li dawn għamlu xogħol tajjeb ħafna u għandhom jingħataw performance bonus bir-rata massima. Kurt Guillaumier

10%, Nadia Fenech 6%, Doreen Polidano 6%, Denyse Scerri 6%, Deborah Garroni 6% u Emily Visanich 6% pro rata.

**4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill skont Memo 26/2013 Ġiet innutata li l-proposta li kien għamel il-Kunsill ma ġietx aċċettata minħabba li l-persuna li kienet nominata kien għalaq 18. Ġiet diskussa l-email tas-Sur Miguel Galea Sillato. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li s-Sur Galea Sillato jiġi maħtur l-Ambaxxatur. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward l-ikla tal-Milied li ser ssir fis-16 ta' Diċembru. Wara li ġew ikkunsidrati numru ta' menus minn diversi stabbilimenti, ġie deċiż li din l-ikla ssir fit-Tabloid Restaurant fil-Lukanda The Palace.

4.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma saritx l-applikazzjoni għal Measure 125 mal-MAGF minħabba li din kienet co-financed u mhux fully financed u anke kien hemm l-ispejjeż tal-Perit.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-bżonn li jinxtara servizz ta' mobile għall-Kunsill. Ġie deċiż li dan jinxtara skont Memo 21/2013.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet diskussa ittra minn sid ta' ħanut li ser jiftaħ bil-ħaxix fi Triq John F Marks. Dan talab biex issir kaxxa safra quddiem il-ħanut. Is-Sur Bonello Du Puis ippropona li din ma ssirx biex ikun hemm konsistenza ma' deċiżjonijiet oħra li kienu ittieħdu fil-passat ma' każijiet simili. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 6 favur u 2 astensjoni.

5.2 Ġiet innutata ittra mill-ħanut Juniors. Dawn qed jitolbu No Objection biex, bi spejjeż tagħhom, jitwaħħlu 3 bollards mal-bankina minħabba li qed ikun hemm drabi meta vetturi jitilgħu fuq il-bankina. Kien hemm qbil fuq din.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward affarjiet pendenti li hemm mal-Green Pak. Ġie deċiż li tintbagħat reminder fuq dan.

**6. Affarjiet oħra**

6.1 Is-Sur Neville Mallia talab, biex isiru numru ta' reflectors mas-central strips fi Triq Birkirkara. Kien hemm qbil fuq din.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex isiru l-hampers għall-anzjani li huma bed ridden/house bound fil-lokal. Kien hemm qbil fuq din. Għandha ssir talba lill-iScouts jekk huma mhumiex ser joqogħdu għassa mat-tinda fl-iljieli bejn l-20 u t-22 ta' Diċembru. Jekk dan mhux possibbli, isir arranġamenti biex ikun hemm security f'dawn l-iljieli. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-batterija tal-van tal-kunsill kellha tinbidel.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni l-bżonn li ssir mill-ġdid parti ta' bankina fi Triq ir-Russett.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar talab biex is-soft area li tinsab fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq San Ġiljan jiġi msemmi. Kien hemm diskussjoni fuq din. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li dan jiġi msemmi Ġnien San Ġorg Preca. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 6 favur, 1 kontra u 1 astensjoni. Is-Sur Cassar informa lill-Kunsill li hemm xi nies li qegħdin iħawwlu xi pjanti fil-Masġar Leopoldu Tabone. Ġie deċiż li f'dan il-masġar ikun hemm biss siġar taż-żebbuġ. Ġie deċiż ukoll li tintbagħat ittra lil TM

minħabba l-kundizzjoni ħażin li tinsab fiha Vjal ir-Riħan kantuniera ma’ Triq Bella Vista mar-roundabout.

## 7. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta’ Jannar 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |